MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1139/2005

**Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.**

**vs.**

1. **Mamma Mia Company (C32995).**
2. **Stephen Bonavia (ID261471 (M)).**
3. **Angelo Pullicino (ID 95667 (M)).**
4. **Sunbirds Company Limited (C-4887).**
5. **Noel Agius (ID 165970 (M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Novembru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi nhar is-27 ta' Awwissu 2004 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet "Grech Alexander et vs Mamma Mia Company Limited et" kopja ta' liema rikors u digriet qed jigu mehmuza u markati bhala dokument ittri "A" u "B" ;

Illi *ai termini* tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni, l-konvenuti gew, *inter alia*, inibiti milli joperaw u juzaw il-fond sottostanti l-*flats* kollha fil-blokk ta' *flats* bl-isem ta' Les Roches Apartments, ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema bhala *restaurant* sakemm (a) mill-istess *restaurant* ma jibqghux jigu ggenerati rwejjah tat-tisjir, hsejjes u shanat li jimpedixxu lir-rikorrenti jew min minnhom milli juzaw u jgawdu minghajr inkonvenjent ikkagunat minn tali rwejjah tat-tisjir, hsejjes u shanat l-*flats* sovrastanti ghall-istess *restaurant* li taghhom ir-rikorrenti f'dawk il-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni ghandhom rispetttivament it-titolu kif indikat fl-imsemmi rikors, kif ukoll li (b) jibqghu jzommu fl-istess *restaurant* cilindri tal-gass b'tali mod li dawn ikunu ta' perikolu ghall-hajja ta' dawk ir-rikorrenti u ghall-*flats* sovrastanti ghall-istess *restaurant*, u dan kif indikat ahjar fir-rikors promotur hawn fuq riferit u anness bhala dokument ittra "A";

Illi, minkejja li tali mandat ta' inibizzjoni ghadu fis-sehh, irrizulta li l-konvenuti, abbuzivament u kontra ta' l-ordni ta' divjet moghtija lilhom minn din l-Onorabbli Qorti issoktaw bl-operazzjoni tal-imsemmi *restaurant*, li llum ghandu l-isem ta' "Mozzarella" b'mod li ghadhom qed jigu generati hsejjes, irwejjah u shanat, filwaqt li c-cilindri tal-gass ghadhom qeghdin jigu mizmuma b'mod li qeghdin joholqu perikolu ghall-hajja u l-inkolumnita` tar-rikorrenti f' dawk il-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo*;

Illi l-intimati kienu ben konsapevoli ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni u tal-istess divjet impost fuqhom tant li nhar il-31 ta' Awissu 2004 prezentaw talba quddiem din l-

Onorabbli Qorti sabiex il-mandat *de quo* jigi revokat *contrario imperio;* liema talba kienet giet michuda minn din l-istess Qorti nhar il-5 ta' Ottubru 2004, kif gie wkoll michud l-appell sussegwentement interpost mill-istess intimati kontra d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, liema cahda sehhet permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-15 ta' Frar 2005.

Illi in segwitu ghal tali fatti, nhar l-24 ta' Frar 2005 prezentaw rikors (kopja tieghu annessa markata bhala dokument ittra "C") fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra tal-konvenuti odjerni;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Marzu 2005 (kopja tieghu annessa u markat bhala dokument "D") gew ordnati li jittiehdu dawn l-proceduri kontra l-istess; (1) Mamma Mia Company Limited (C-32995); (2) Stephen Bonavia (ID 261471 (M)); (3) Angelo Pullicino (ID 95667 (M)); (4) Sunbirds Company Limited (C-4887); u (5) Noel Agius (ID 165970 (M)).

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti hawn fuq imsemmi, jew ta' min minnhom, jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita` taghha *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kapitolu 12**;

2. Konsegwentement issib lill-konvenuti, jew min minnhom, hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha *ai termini* tal-istess artikolu;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ghall-pieni kontemplati mill-istess **artikolu 997 tal-Kapitolu 12**.

4. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ukoll jekk tkun xi pieni lil min ikun gie misjub hati tad-disprezz, sabiex inehhu kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi zmien bizzejjed ghal dan il-ghan izda f' ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, liema terminu ghandu jigi stabbilit minn din

l-Onorabbli Qorti; u f’ kaz li jekk ikun gie kundannat ghal disprezz jonqos milli din l-Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tikkundannah ghal penali ta’ ammenda ta’ mhux inqas minn ghaxar liri u mhux iktar minn hamsin lira kif din l-istess Onorabbli Qorti tistabbilixxi, ghal kull gurnata li matulha jkomplu n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien hawn fuq imsemmi u dan *ai termini* tal-**artikolu 997 (2).**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol. 55 tal-process;

Rat in-nota ta’ Onorevoli Imhallef Tonio Mallia datata 30 ta’ Novembru 2005 (fol. 56) li biha astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza peress li kien hemm ragunijiet biex issir astensjoni a tenur tal-**artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti s-socjeta` Mamma Mia Company Limited, Stephen Bonavia, Angelo Pulliccino, Sunbirds Company Limited u Noel Agius, datata 27 ta’ Dicembru 2005 a fol. 60 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament l-azzjoni istitwita mir-Registratur fil-konfront tal-konvenuti Stephen Bonavia, Angelo Pullicino, Sunbirds Company Limited u Noel Agius hija irritwali u ghalhekk nulla ghad illi ma hijiex koperta minn ordni tal-Qorti kif previst fl-**artikolu 1002A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan billi d-digriet tal-Onorabbli Qorti tat-13 ta’ Marzu 2005 kontenenti l-ordni mill-Qorti jipprovdi li l-

proceduri ta’ disprezz jinfethu kontra s-socjeta` intimata biss u cioe` s-socjeta` Mamma Mia Company Limited.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni istitwita mir-Registratur kontra l-eccipjenti saret in forza ta’ digriet moghti fit-13 ta’ Marzu 2005 liema digriet huwa intempestiv, irritwali u sostanzjalment illegittimu ghad illi qabel ma nghata ma giex pjenament sodisfatta l-ordni moghtija fid-digriet precedenti tal-1 ta’ Marzu 2005 li kienet tezigi li ssir notifika tal-kontro-partijiet bi zmien jumejn ghar-risposta bir-rizultat li gew infranti d-drittijiet ghas-smigh ta’ dawk l-kontro-partijiet li ma gewx notifikati bl-istess rikors u digriet u li ghalhekk ma kellhomx l-opportunita` li jwiegbu ghall-istess rikors.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu kwantu li t-talbiet huma diretti kontra s-socjeta` Mamma Mia Company Limited jigi eccepit (a) preliminarjament li t-talbiet huma legalment insostenibbli ghad illi tenut kont l-fatt li l-kawza ghall-disprezz hija ta’ indoli kriminali fejn allura trid tigi ppruvata l-esistenza tal-*mens rea* f’min ikun qieghed jigi akkuzat b’disprezz, persuna morali bhal ma hija s-socjeta` eccipjenti ma hijiex kapaci li tifforma tali intenzjoni u ghalhekk din l-istess intenzjoni hija fl-impossibbilta` li tigi konstata u wisq aktar ippruvata; u (b) fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi anke jekk il-mandat ta’ inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet **“Alexander Grech et vs Mamma Mia Company et”** inhareg kontra s-socjeta` Mamma Mia Company Limited din is-socjeta` fil-fatt u effettivament ma kellha x’taqsam xejn mal-gestjoni tar-ristorant gja` msejjah “Mamma Mia” koperta mill-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni u ghalhekk l-istess socjeta` eccipjenti ma setghet qatt tikkometti disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u wisq aktar tigi misjuba hatja ghal tali allegat disprezz jew tigi kkundannata u ordnata skont kif mitlub fir-raba’ (4) talba kontenuta fic-citazzjoni tal-attur Registratur.

4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ta' indoli preliminari u fil-mertu kwantu li t-talbiet huma diretti kontra Stephen Bonavia dawn l-istess talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi anke jekk il-mandat ta' inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet "**Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et**" inhareg kontra l-eccipjenti Stephen Bonavia dan tal-ahhar fil-fatt u effettivament kien biss impjegat fl-istess ristorant gja` msejjah Mamma Mia u effettwat mill-imsemmi mandat ta' inibizzjoni u ghalhekk l-istess Stephen Bonavia ma seta' qatt jikkommetti disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u wisq aktar jigi misjuba hati ghal tali allegat disprezz jew jigi kkundannat u ordnat skont kif mitlub fir-raba' (4) talba kontenuta fic-citazzjoni tal-attur Registratur.

5. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ta' indoli preliminari u fil-mertu kwantu li t-talbiet huma diretti kontra Noel Agius f'ismu personali dawn l-istess talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi anke jekk il-mandat ta' inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet "**Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et**" inhareg kontra l-eccipjent Noel Agius f'ismu personali dan tal-ahhar fil-fatt u effettivament fil-vesti tieghu personali ma ghandu x'jaqsam mar-ristorant gja` msejjah Mamma Mia u effetwat mill-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni u ghalhekk l-istess Noel Agius ma seta' qatt tikkommetti disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u wisq aktar jigi misjuba hati ghal tali allegat disprezz jew jigi kkundannat u ordnat skont kif mitlub fir-raba (4) talba kontenuta fic-citazzjoni tal-attur Registratur.

6. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ta' indoli preliminari u fil-mertu kwantu li t-talbiet huma diretti kontra Angelo Pullicino dawn l-istess talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez (a) billi Angelo Pullicino li fil-mument li nhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet "**Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et**" kien l-inkwilin tal-fond u s-sid tan-negozju konsistenti f'ristorant imsejjah Mamma Mia, gie ordnat skont l-istess Mandat ta'

Inibizzjoni sabiex jinzamm milli jopera u juza l-fond sottostanti l-*flats* b'mod tali li ma jibqghux jigu generati rwejjah tat-tisjir, hsejjes, u shanat b'inkonvenjent lir-rikorrenti f'dak il-mandat ta' inibizzjoni u jinzamm milli jibqa' jzomm fl-istess ristorant cilindri tal-gass b'mod tali li dawn ikunu ta' perikolu ghall-hajja tar-rikorrenti f'dak il-mandat ta' inibizzjoni u huwa saz-zmien li kien inkwilin u sid tan-negozju konsisteni f'ristorant gja` imsejjah Mamma Mia nkluz wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni ottempera ruhu ma' din l-ordni kif jigi ppruvat f'dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk fl'ebda mument u waqt ma kkommetta disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti; u (b) billi llum l-istess eccipjenti Angelo Pullicino ma ghandu ebda konnessjoni mar-ristorant illum msejjah 'Mozzarella' jew mal-gestjoni tieghu ma jistax jigi kkundannat u ordnat skont kif mitlub fir-raba' (4) talba kontenuta fic-citazzjoni tal-attur Registratur.

7. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ta' indoli preliminari u fil-mertu kwantu li t-talbiet huma diretti kontra s-socjeta` Sunbirds Company Limited jigi eccepit (a) preliminarjament li t-talbiet huma legalment insostenibbli ghad illi tenut kont il-fatt li l-kawza ghall-disprezz hija ta' indoli kriminali fejn allura trid tigi ppruvata l-esistenza tal-*mens rea* f'min ikun qieghed jigi akkuzat b'disprezz, persuna morali bhal ma hija s-socjeta` eccipjenti ma hijiex kapaci li tifforma tali intenzjoni u ghalhekk din l-istess intenzjoni hija fl-impossibbilta` li tigi konstatata u wisq aktar ippruvata; u (b) fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost dawn l-istess talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-istess socjeta` kienet u ghadha biss proprjetarja tal-fond li minnu kien gestit in-negozju konsistenti fir-ristorant gja` msejjah Mamma Mia u kienet ikkoncediet l-istess fond taht titolu ta' kera lill-eccipjent Angelo Pullicino bl-istess mod li llum, wara li l-kirja ma' Angelo Pullicino intemmet, qieghda tikkoncedi l-istess fond lill-persuna ohra li qieghda tiggestixxi n-negozju ta' ristorant mill-istess fond lokat minnha u ghalhekk fil-mument li nhareg il-mandat ta' inibizzjoni numru 1554/2004 fl-ismijiet "**Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et**" ma kellha ebda

konnessjoni u wisq aktar kontroll la dirett u lanqas indirett fuq il-gestjoni mill-istess fond lokat u ghalhekk l-istess socjeta` eccipjenti ma setghet qatt tikkommetti disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u wisq aktar tigi misjuba hatja ghal tali allegat disprezz jew tigi kkundannata u ordnata skont kif mitlub fir-raba' (4) talba kontenuta fic-citazzjoni tal-attur Registratur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 62 sa fol. 63 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 17 ta' April 2006 fejn gew esebiti l-affidavits ta' Alexander u Paul Grech, Rosette Debattista, George Zammit, u Alfred Fenech (Dok. "AG" u Dok. "AG 3" sa Dok. "AG 6").

Rat l-iskritturi privati datati 19 ta' Jannar 2001 (Dok. "AG1") u 5 ta' Jannar 2004 (Dok. "AG 4").

Rat in-nota tal-konvenuti datata 27 ta' Marzu 2007 u Dok. "X" (fol. 109).

Rat in-nota tal-konvenuti datata 27 ta' Marzu 2007 li biha gew esebiti l-affidavits ta' Noel u Ronald Agius datati 21 ta' Marzu 2007.

Rat id-dokumenti esebiti bhala Dok. "NA 1" u "NA 2".

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u x-xhieda quddiemha prodotta ta' Angelo Pullicino datata 26 ta' Mejju 2008 (fol. 135).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din l-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008

meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pio Valletta ghall-konvenuti. Dr. Francesco Depasquale msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi b’digriet datat 27 t’Awissu 2004 (fol. 50) gie milqugh rikors ghall-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni numru 1554/2004 tal-istess data (Dok. “A” – fol. 8) fl-ismijiet “Alexander u Josephine konjugi Grech, A&A Properties Limited, Paul u Vincenza konjugi Grech, Ocean Way Co. Limited, George u Lydia konjugi Zammit, Alfred u Rosanne konjugi Fenech, Alfred u Rosette konjugi Debattista, Claire Grech u Ludwig Limited vs Mamma Mia Company Limited, Stephen Bonavia, Angelo Pullincino, Sunbirds Company Comany Limited u Noel Agius”.

Illi l-istess digriet tas-27 ta’ Awissu 2004 (Dok. “B” - fol. 50) jipprovdi li *“peress li dak li qed jigi mitlub huwa, fuq kollox, impost essenzjali fuq kull min ghandu bar u/jew restaurant fl-abitat; tilqa’ t-talba ghal-hrug ta’ dan il-mandat kif koncepit”.*

Illi b’hekk l-istess Qorti inibiet lill-intimati fl-istess atti tal-mandat kawtelatorju milli joperaw u juzaw il-fond sottostanti l-*flats* kollha fil-blokk ta’ *flats* bl-isem ta’ Les

Roches Apartments, ix-Xatt ta’ Qui-Si-Sana, Sliema bhala restaurant u dan sakemm (a) mill-istess restaurant ma jibqghux jigu ggenerati rwejjeh tat-tisjir, hsejjes u shanat li jimpedixxu lir-rikorrenti jew min minnhom milli juzaw u jgawdu minghjar inkonvenjent ikkagunat minn tali rwejjeh tat-tisjir, hsejjes u shanat l-flats sovrastanti ghall-istess restaurant u (b) jibqghu jzommu fl-istess restaurant cilindri tal-gass b’tali mod ili dawn ikunu ta’ perikolu ghall-hajja tar-rikorrenti u ghall-flats sovrastanti ghall-istess restaurant;

Illi s-socjetajiet konvenuti odjerni Mamma Mia Company Limited u Sunbirds Company Limited, u l-konvenuti odjerni Bonavia, Pullicino u Agius b’rikors datat 31 ta’ Awissu 2004 talbu sabiex jigi revokat il-mandat ta’ inbizzjoni numru 1554/04, izda tali talba giet michuda b’digriet tal-istess Qorti datat 5 ta’ Ottubru 2004.

Illi sar appell mill-istess konvenuti u b’sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 8 ta’ Frar 2005 l-appell gie ddikjarat irritu u null.

Illi b’rikors datat 24 ta’ Frar 2005 l-istess rikorrenti Alexander Grech et (fol. 52) talbu lill-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiehu l- passi necessarji skond **l-Artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan ghaliex gie allegat li l-intimati baqaw joperaw l-istess restaurant b’mod li qed issir ksur tal-mandat ta’ inibizzjoni.

Illi fl-1 ta’ Marzu 2005 il-Qorti (fol. 54) ordnat n-notifika tar-rikors lill-kontro parti bi zmien jumejn ghar-risposta u b’digriet datat 13 ta’ Marzu 2005 gie ordnat li r-Registratur tal-Qorti *“jiftah proceduri ta’ disprezz kontra s-socjeta’ intimata fit-termini tal-ilment mressaq”* (Dok. “D” – fol. 55).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-fond mertu ta' dawn il-proceduri kien mikri mis-socjeta' Sunbirds Company Limited lill-Angelo Pullicino permezz ta' skrittura datata 19 ta' Jannar 2001 (Dok. "AG 1"), b'dan li fid-data tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fis-27 ta' Awissu 2004, l-hanut kien qed jigi gestit minn Angelo Pullicino u din baqghet is-sitwazzjoni sas-17 ta' Ottubru 2004. Illi jirrizulta fil-5 ta' Novembru 2004 is-socjeta' Sunbirds Company Limited kriet l-istess fond lill-Backbone International Limited (Dok. "AG2") u l-istess restaurant rega' beda jopera taht l-isem ta' Mozzarella's fit-2 ta' Dicembru 2004.

Illi r-rikorrenti qed isostnu li minkejja l-mandat ta' inibizzjoni l-istess intimati baqaw joperaw l-istess restaurant, illum taht l-isem ta' Mamma Mia, b'mod li xorta baqaw jigu ggenerati rwejjah ta' tisjir, hsejjes, u shanat mir-rikorrenti u wkoll baqaw izommu cilindri tal-gas li huma ta' perikolu ghall-hajja tar-rikorrenti u l-flats sovrastanti. Dan qed jigi kkontestat mill-intimati peress li inghad li Angelo Pullicino li kien igesti l-istess hanut ghamel ix-xogholijiet necessarji taht id-direzzjoni tal-Professur Agius u dan baqa' jgestih sas-17 ta' Ottubru 2004. Mill-5 ta' Novembru 2004 il-kirja tal-istess fond ghaddiet ghand is-socjeta' Backbone International Limited li bdiet topera l-istess hanut kif fuq inidikat.

Illi jirrizulta li din l-azzjoni saret skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1003A** fejn jinghad li f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega.

Illi skond is-sentenzi **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** (P.A. (RCP) - 18 ta' Ottubru 2000) u **"Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe"** (A.K. 28 ta' Jannar 1991) huwa ben stabilit li l-ligi permezz

tal-**artikoli 998 sa 1003A tal-Kap. 12** tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F'dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cioe` l-att li ord inarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn min-natura kriminali. Ic-citazzjoni f dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza.

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza **"Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** (P.A. (C.C.) 9 ta' Novembru 1990) stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja b'dan li dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni.

Illi fis-sentenza **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. (H.H.) 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) inghad li *"jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor"* u ghalhekk l-tali disposizzjonijiet qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti il-Qorti (**"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001). Ikun hemm ksur tal-istess ordni ukoll jekk wiehed jagixxi ghal raguni li jista' jissimpatiżża maghha jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jagixxi kif agixxa. Dan il-principju jibqa' japplika wkoll fejn, wara, jirriżulta li l-mandat ta' inibizzjoni nnifsu jkun milqut minn difett li jagmlu ma jiswiex, u sakemm tali mandat ma jkunx gie mhassar **("Registratur tal-Qorti vs Adrian Grima proprio et nomine"** ( P.A. (JRM) 25 ta' Settembru, 2003)

u **"Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella"** (A.C. 7 t'Ottubru, 1997).

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba"** (P.A. (JRM) 7 ta' Mejju 2001) inghad:-

"*Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)]".* **("Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi"** – P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001).

Illi fil-kawza **"L-Pulizija vs Meinrad Callejja"** tat-8 ta' Gunju 1998 (M -Vol: LXXXII.ii. 187) inghad:-

*"Huwa ovvju, anke minn ezami anke superficjali tad-disposizzjonijiet applikabbli li d-distinzjoni basilari bejn l-imgieba mhux xierqa li ssir 'infaciem curiae' u dik li ma ssirx hekk hija netta u l-kazi huma trattati b'mod differenti u dana gustament. Fl-ewwel kaz, il-ligi trid taghti lill-gudikant il-mezzi biex immedjatament igib ghall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-gustizzja u dana biex tassikura li xejn ma jimpediha milli tesercita d-doveri taghha b'intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni kaz fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proceduri quddiemha, il-ligi tipprovdi li jigi assikurat li min ikun akkuzat li jkun hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti*

*jinghata opportunita` shiha li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza".*

Illi huwa fuq dawn il-binarji li l-kawza odjerna ghanda tigi deciza u f'dan il-kuntest jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija fis-sens li d-digriet tat-13 ta' Marzu 2005 jipprovdi li l-proceduri ta' disprezz jinfethu kontra is-socjeta' intimata biss u cioe' is-socjeta' Mamma Mia Company Limited biss u mhux kontra l-konvenuti l-ohra.

Illi fil-fatt l-istess digriet jghid testwalment li l-Qorti *"tilqa' t-talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti jiftah proceduri ta' disprezz kontra s-socjeta' intimata fit-termini tal-ilment imressaq"*

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li applikati d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 1003A** ghat-termini ta' dan id-digriet jirrizulta li l-ordni tal-Qorti li testwalment inghatat kienet dik li r-Registratur tal-Qorti jagixxi kontra s-socjeta' intimata, u dan peress li hija biss is-socjeta' intimata li hija msemmija f'dan id-digriet. F'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-eccezzjoni tal-konvenuti Stephen Bonavia, Angelo Pullicino u Noel Agius fil-kwalita' personali taghhom qed tigi milqugha ghaliex fil-konfront tagghom ma' jirrizultax li saret ordni mill-Qorti lir-Registratur tal-Qorti sabiex jipprocedi kontra taghhom skond l-imsemmi artikolu tal-ligi.

Illi *in vista* ta' dak deciz, it-tieni eccezzjoni ser tigi kkunsidrata ghall dak li hija l-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta Sunbirds Company Limited (ghaliex l-ewwel eccezzjoni giet milqugha fil-konfront tal-konvenuti personalment) u f'din l-eccezzjoni jinghad li l-istess digriet tat-13 ta' Marzu 2005 ma jistax japplika fil-konfront tal-istess konvenuti peress li inghata qabel mal-partijiet kollha

fl-istess mandat gew notifikati skond d-digriet stess tal-istess Qorti datat l-1 ta' Marzu 2005 li bih ordnat li r-rikors presentat minn Alexander Grech et datat 24 ta' Frar 2005 jigi notifikat lill-kontro-parti (fol. 54). Fil-verita' jirrizulta li l-istess rikors gie notifikat biss lis-socjeta' Mamma Mia Co. Ltd et fi 32, Castro Street, Naxxar (*a tergo* fol. 51), u mhux lill-intimati l-ohra, nkluz is-socjeta' Sunbirds Company Limited. B'hekk anke din l-eccezzjoni qed tigi milqugha fil-konfront tal-istess socjeta' Sunbirds Company Limited.

Illi dwar is-socjeta' konvenuta Mamma Mia Company Limited jinghad li dwar l-eccezzjoni 2 (a) minnha moghtija fejn isostni li socjeta' ma tistax tkun soggetta ghall-proceduri ta' disprezz, din hija bla bazi tenut kont ta' dak li gie deciz fil-kawzi fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri proprio et nomine"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Jannar 2001), **"David Jones et noe vs Giuseppe Mifsud Bonnici noe"** – (K. (JDC) - 29 ta' Ottubru, 1993), **"Albert Mizzi noe vs George Schembri"** (A.C. - 4 ta' Frar, 1992) u **"Reno u Joan Pace vs Alexander Attard et"** – (A.C. - 14 ta' Lulju 1995) fejn inghad li:-

*"Huwa minnu li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom infushom jkunu responsabbli ghal delitti jew kwazi delitti, u ghalhekk il-kundanna kontra taghhom trid issir tramite l-persuna li ghandu r-responsabilita` biex jagixxi ghan-nom taghhom. Dan huwa ntiz pero` proprju biex tigi evitata eccezzjoni f'dan is-sens u dana a skapitu ta' l-individwu li jkun soffra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kwazi delitt ta' responsabilita` meta wiehed jasal ghall-kundanna, trid issir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors tkun personali bhal ma hija fil-kamp penali u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawzi l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obbligi civili (cioe` l-kuntratti u l-kwazi kuntratti). Meta ghalhekk dan l-effett huwa identiku u jikkonverti ruhu*

*fi hlas ta’ somma ghad-danni, m’ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall-hlas ta’ danni rizultanti minn kawza ta’ obbligu kuntrattwali u dak rizultanti minn responsabilita` delittwali".*

*“F’dan il-kaz instabet responsabbli s-socjeta` konvenuta u mhux il-konvenut li kien direttur taghha, ghad-danni kawzati minn tigrif waqt li kien qed isir xoghol ta’ kostruzzjoni. Illi fis-sentenza aktar ricenti “Victor Galea vs Marin Hili noe” – (P.A. J.S.P. – 1 ta’ Ottubru, 1996), il-Qorti ezaminat is-sentenzi fuq kwotati u ohrajn u inoltre l-Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 4 (d) ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) u waslet ghall-konkluzjoni li “persuna” ghall-finijiet tar-responsabilita` delittwali tinkludi wkoll socjeta` kummercjali”.*

Illli ghalhekk llum il-principju hu ben stabilit li socjeta` kummercjali tista’ tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt. Ghalhekk l-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni 2 (a) tas-socjetajiet konvenuti.

Illi t-tieni eccezzjoni (2 (b)) tas-socjeta’ konvenuta Mamma Mia Co Ltd fejn qed tghid li hija ma kellha x’taqsam xejn mal-gestjoni tar-ristorant gja imsejjah Mamma Mia koperta mill-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni jirrizulta li din hija ben fondata ghaliex fil-fatt tali hanut kien mikri lill-Angelo Pullicino taht titolu ta’ kera skond skrittura privata datata 19 ta’ Jannar 2001 (Dok. “AG1”) u kien huwa li kien igesti l-hanut sas-17 ta’ Ottubru 2004. L-istess socjeta’ giet registrata biss fit-12 ta’ Jannar 2004 (Dok. “X”) u ma jirrizultax mill-atti processwali li kellha xi titolu fuq l-istess hanut u allura tali eccezzjoni fil-konfront tal-istess socjeta’ qed tigi milqugha. Fil-verita’ jirrizulta li l-konvenuti l-ohra fil-kwalita’ taghhom personali u s-socjeta’ l-ohra Sunbirds Company Limited bl-ebda mod ma gestew jew operaw l-istess restaurant wara l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni u

ghalhekk l-azzjoni attrici fil-konfront taghhom ma gietx ippruvata u ma tistax treggi.

Illi ghalhekk minhabba r-ragunijiet premessi tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet fil-konfront tal-konvenuti Angelo Pullicino, Stephen Bonavia u Noel Agius, it-tieni eccezzjoni fil-konfront tas-socjeta' Sunbirds Co Ltd u tieni eccezzjoni indikata bhala 2 (b) moghtija fil-konfront tas-socjeta' Mamma Mia Company Limited u l-eccezzjonijiet l-ohra minnhom moghtija biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tal-attur** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------